MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 122/2011

**Korporazzjoni Intrapriza ta’ Malta**

**Vs**

**Infratec Pro Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf li bih il-Korporazzjoni attrici, wara li qalet:

Illi fuq talba tas-socjeta konvenuta, il-Korporazzjoni attrici b’applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tar-Regolament ghaxra (10) tar-Regolamenti dwar il-Promozzjoni ta’ Negozju (L.S. 325.06) ipprestat ruhha garanti tas-socjeta konvenuta fl-ammont ta’ hames mitt elf euro (€500,000) versu u a favur tas-socjeta bankarja Bank of Valletta plc u

dan sabiex tassisti lis-socjeta konvenuta fin-negozju taghha;

Illi tali garanzija inghatat permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion tat-12 ta' Ottubru 2009, u sussegwentement u cjoe permezz ta' ittra tad-29 ta' Novembru 2010 l-istanti gharrfet lis-socjeta bankarja Bank of Valletta plc li kienet qed tippresta ruhha garanti tas-socjeta konvenuta;

Illi in garanzija tal-osservanza tal-obbligazzjonijiet naxxenti mill-imsemmi kuntratt kif ukoll tal-hlas lura lis-socjeta bankarja imsemmija tas-somma mislufa, is-socjeta konvenuta tat il-kunsens taghha ghall-iskrizzjoni ta' ipoteka generali fuq il-beni kollha tas-socjeta konvenuta, prezenti u futuri, sal-ammont ta' €500,000;

Illi s-socjeta konvenuta naqset milli tonora l-obbligi minnha assunti permezz tal-kuntratt fuq imsemmi billi *inter alia* naqset milli thallas dak minnha dovut lis-socjeta bankarja;

Illi s-socjeta bankarja permezz ta' ittra tal-20 ta' Jannar 2011 interpellat lill-istanti sabiex tersaq ghall-hlas tas-somma ta' €320,000 rappresentanti s-somma garantita;

Illi l-istanti permezz ta' ittra ufficcjali tal-24 ta' Jannar 2011 interpellat lis-socjeta konvenuta sabiex tirregolarizza minnufih il-pozizzjoni taghha mas-socjeta bankarja imsemmija;

Illi madankollu, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk il-Korporazzjoni esponenti ma kellha ebda ghazla ohra ghajr li tonora l-garanzija taghha u tghaddi ghall-pagamenti tas-somma reklamata mis-socjeta bankarja Bank of Valletta plc u dan kif jidher mid-dokument anness;

Illi ghalhekk il-Korporazzjoni esponenti qieghdha tesercita il-jedd taghha ta' regress fil-konfront tas-socjeta konvenuta u dan fit-termini tal-Art. 1942 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

Illi in vista tas-suespost, is-socjeta konvenuta hi debitrici fil-konfront tal-Korporazzjoni attrici fl-ammont ta' €320,000;
Illi dan id-dejn hu cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta' fatt u li sa fejn taf l-esponenti, is-socjeta konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet x'taghti f'dina l-kawza;

Illi r-raguni ta' din it-talba hi li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas l-ammont ta' €320,000 lill-Korporazzjoni attrici li qed tesercita l-jedd ta' regress ghall-pagament li ghamlet wara li s-socjeta konvenuta naqset milli tonora l-obbligazzjonijiet taghha mas-socjeta bankarja Bank of Valletta plc u dan skond il-kuntratt ta' garanzija fl-Atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion tat-12 ta' Ottubru 2009;

Talbet illi din il-qorti:

1. Tisma' dina l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur ta' l-Art. 167 *et seq* tal-Kap. 12;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' €320,000 lill-Korporazzjoni attrici;

Bl-imghax u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 103/2011, tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 106/2011, tal-mandat ta' sekwestru numru 104/2011 kif ukoll tal-ittra ufficcjali tal-24 ta' Jannar 2011numru 216/11 kontra s-socjeta konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi ir-rikors mahluf u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lis-socjeta` konvenuta fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, baqa' ma deher hadd ghas-socjeta` konvenuta.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta'

l-kawza billi fil-kontumacja tas-socjeta` konvenuta tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------